# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

20 ta' Diċembru 2017*

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Televiżjoni diġitali – Għajnuna għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati – Sussidju favur operaturi ta' pjattaformi tat-televiżjoni diġitali terrestri – Deċiżjoni li tiddikjara l-miżuri ta' għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Vantaġġ – Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali – Definizzjoni – Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri"

Fil-Kawżi magħquda C-66/16 P sa C-69/16 P,

li għandha bħala suġġett erba' appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressqa fil-5 ta' Frar 2016

**Comunidad Autónoma del País Vasco,**

u

**Itelazpi SA**, stabbilita f'Zamudio (Spanja) (C-66/16 P),

**Comunidad Autónoma de Cataluña,**

u

**Centre de Telecomunicacions i Tecnologies de la Informació de la Generalitat de Catalunya (CTTI)**, stabbilit f'Hospitalet de Llobregat (Spanja) (C-67/16 P),

**Navarra de Servicios y Tecnologías SA**, stabbilita f'Pamplona (Spanja) (C-68/16 P),

**Cellnex Telecom SA**, li kienet Abertis Telecom SA, stabbilita f'Barcelona (Spanja),

u

**Retevisión I SA**, stabbilita f'Barcelona (Spanja) (C-69/16 P),

irrappreżentati minn J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo u M. Bolsa Ferruz, abogados,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn P. Němečková kif ukoll minn É. Gippini Fournier u B. Stromsky, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

**SES Astra SA**, stabbilita f'Betzdorf (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn F. González Díaz u V. Romero Algarra, abogados, kif ukoll minn F. Salerno, avocat,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tal-appelli tagħhom, il-Comunidad Autónoma del País Vasco (il-Komunità Awtonoma tal-País Vasco, Spanja) u Itelazpi SA (Kawża C-66/16 P) (iktar 'il quddiem l-"appellanti fil-Kawża C-66/16 P"), il-Comunidad Autónoma de Cataluña (il-Komunità Awtonoma tal-Cataluña, Spanja) u s-Centre de Telecomunicacions i Tecnologies de la Informació de la Generalitat de Catalunya (CTTI) (Kawża C-67/16 P), Navarra de Servicios y Tecnologías, SA (Kawża C-68/16 P) (iktar 'il quddiem l-"appellanti fil-Kawża C-68/16 P") kif ukoll Cellnex Telecom, SA u Retevisión I SA (Kawża C-69/16 P) (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, l-"appellanti") jitolbu rispettivament l-annullament:

– fil-Kawża C-66/16 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs Il-Kummissjoni (T-462/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-462/13", EU:T:2015:902);

– fil-Kawża C-67/16 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma de Cataluña u CTTI vs Il-Kummissjoni (T-465/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-465/13", mhux ippubblikata, EU:T:2015:900);

– fil-Kawża C-68/16 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Navarra de Servicios y Tecnologías vs Il-Kummissjoni (T-487/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-487/13", mhux ippubblikata, EU:T:2015:899);

– fil-Kawża C-69/16 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Abertis Telecom u Retevisión I vs Il-Kummissjoni (T-541/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza T-541/13", mhux ippubblikata, EU:T:2015:898) (iktar 'il quddiem, flimkien, is-"sentenzi appellati")

li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħhom intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni 2014/489/UE tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 ((C 23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009)) implementata mir-Renju ta' Spanja għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ('il barra minn Castilla-La Mancha) (ĠU 2014, L 217, p. 52, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

**Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata**

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 22 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Dawn il-kawżi jikkonċernaw serje ta' miżuri implementati mill-awtoritajiet Spanjoli fil-kuntest tal-mogħdija mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali fi Spanja fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha (il-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, Spanja) (iktar 'il quddiem il-"miżura inkwistjoni").

4 Ir-Renju ta' Spanja stabbilixxa qafas leġiżlattiv għall-promozzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali, b'mod partikolari bil-promulgazzjoni tal-Ley 10/2005 de Medidas Urgentes para el Impulso de la Televisión Digital Terrestre, de Liberalización de la Televisión por Cable y de Fomento del Pluralismo (Liġi 10/2005 li tistabbilixxi miżuri urġenti għall-iżvilupp tat-televiżjoni diġitali terrestri, għal-liberalizzazzjoni tat-televiżjoni bil-kejbil u għat-tħeġġiġ tal-pluraliżmu), tal-14 ta' Ġunju 2005 (BOE Nru 142, tal-15 ta' Ġunju 2005, p. 20562) u r-Real Decreto 944/2005 por el que se aprueba el Plan técnico nacional de la televisión digital terrestre (Digriet Irjali 944/2005 li japprova l-programm tekniku nazzjonali favur it-televiżjoni diġitali terrestri), tad-29 ta' Lulju 2005 (BOE Nru 181, tat-30 ta' Lulju 2005, p. 27006). Dan id-digriet irjali impona fuq ix-xandara nazzjonali privati u pubbliċi l-obbligu li jiżguraw li 96 % u 98 % rispettivament tal-popolazzjoni jirċievu t-televiżjoni diġitali terrestri (TDT).

5 Sabiex jippermettu l-mogħdija mit-televiżjoni analoġika għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli qasmu t-territorju Spanjol fi tliet żoni separati, rispettivament imsemmija "żona I", "żona II" u "żona III". Iż-żona II, inkwistjoni f'dawn il-kawżi, tinkludi reġjuni inqas urbanizzati u mbiegħda li jirrappreżentaw 2.5 % tal-popolazzjoni Spanjola. F'din iż-żona, ix-xandara, fin-nuqqas ta' interess kummerċjali, ma kinux investew fid-diġitalizzazzjoni, u dan wassal sabiex ikun hemm finanzjament pubbliku min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli.

6 F'Settembru 2007, il-Consejo de Ministros (il-kabinett, Spanja) adotta l-programm nazzjonali għall-mogħdija għat-TDT li l-għan tiegħu kien li r-rata ta' kopertura tal-popolazzjoni Spanjola bis-servizz TDT tilħaq rata analoga għal dik milħuqa bit-televiżjoni analoġika fl-2007, jiġifieri iktar minn 98 % ta' din il-popolazzjoni u l-popolazzjoni fit-totalità jew fil-kważi totalità tagħha fil-komunitajiet awtonomi tal-País Vasco, tal-Cataluña u ta' Navarra (Spanja).

7 Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' kopertura stabbiliti għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli pprevedew l-għoti ta' finanzjament pubbliku, b'mod partikolari insostenn tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni terrestri fiż-żona II u b'mod iktar partikolari fi ħdan ir-reġjuni tal-komunitajiet awtonomi li jinsabu f'din iż-żona.

8 Fi Frar 2008, il-Ministerio de Industria, Turismo y Comercio (il-Ministeru għall-Industrija, it-Turiżmu u l-Kummerċ, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"MITC") adotta deċiżjoni intiża sabiex itejjeb l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni u tistabbilixxi l-kriterji kif ukoll it-tqassim tal-finanzjament tal-azzjonijiet favur l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-kuntest ta' pjan intitolat "Plan Avanza". Il-baġit approvat abbażi ta' din id-deċiżjoni ġie allokat parzjalment għad-diġitalizzazzjoni tat-televiżjoni fiż-żona II.

9 Din id-diġitalizzazzjoni seħħet bejn Lulju u Novembru 2008. Il-MITC sussegwentement ittrasferixxa fondi lill-komunitajiet awtonomi, li impenjaw ruħhom li permezz tar-riżorsi baġitarji tagħhom stess ikopru l-ispejjeż l-oħra marbuta mal-operazzjoni.

10 F'Ottubru 2008, il-kabinett Spanjol iddeċieda li jagħti fondi addizzjonali sabiex jestendi u jikkompleta l-kopertura tat-TDT fil-kuntest tal-proġetti ta' mogħdija lejn id-diġitali li kellhom jiġu implementati matul l-ewwel semestru tal-2009.

11 Sussegwentement, il-komunitajiet awtonomi bdew il-proċess ta' estensjoni tat-TDT. Fil-fatt, dawn organizzaw sejħiet għal offerti jew fdaw din l-estensjoni f'idejn impriżi privati. F'ċerti każijiet, il-komunitajiet awtonomi talbu lill-kunsilli jinkarigaw ruħhom mill-imsemmija estensjoni.

12 Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet ilment mingħand SES Astra SA li kien jirrigwarda skema ta' għajnuna min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli favur il-mogħdija mit-televiżjoni analoġika lejn it-TDT fiż-żona II. Skont SES Astra, din l-iskema kienet tinvolvi għajnuna mhux innotifikata li tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-pjattaforma ta' xandir terrestri u dik tax-xandir satellitari.

13 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-Renju ta' Spanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-komunità awtonoma ta' Castilla-La Mancha, reġjun li fir-rigward tiegħu nfetħet proċedura indipendenti.

14 Il-Kummissjoni wara dan adottat id-deċiżjoni kkontestata li l-Artikolu 1 tad-dispożittiv tagħha jiddikjara li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-operaturi tal-pjattaforma tat-televiżjoni terrestri għat-tnedija, il-manutenzjoni u t-tħaddim tan-netwerk TDT fiż-Żona II, ġiet implementata bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE, u li hija inkompatibbli mas-suq intern, għajr għall-għajnuna li ngħatat f'konformità mal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika. L-Artikolu 3 tad-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni jordna l-irkupru ta' din l-għajnuna inkompatibbli mingħand operaturi tat-TDT, irrispettivament minn jekk irċevewx l-għajnuna direttament jew indirettament.

15 Fil-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, fl-ewwel lok, li d-diversi strumenti adottati fuq livell ċentrali u l-ftehimiet li kienu ġew konklużi u emendati bejn l-MITC u l-komunitajiet awtonomi kienu jikkostitwixxu l-bażi tal-iskema ta' għajnuna għall-estensjoni tat-TDT fiż-żona II. Fil-prattika, il-komunitajiet awtonomi applikaw l-indikazzjonijiet tal-Gvern Spanjol dwar l-estensjoni tat-TDT.

16 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkonstatat li l-miżura inkwistjoni kellha titqies għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni osservat, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw biss il-każ tal-komunità awtonoma tal-País Vasco sabiex jinvokaw l-assenza ta' għajnuna mill-Istat skont il-kriterji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, iktar 'il quddiem is-"sentenza Altmark", Ġabra, EU:C:2003:415). Madankollu, l-ewwel kriterju ta' din is-sentenza (iktar 'il quddiem l-"ewwel kriterju Altmark"), li jipprovdi, minn naħa, li l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u, min-naħa l-oħra, li dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar, ma kienx, skont il-Kummissjoni, issodisfatt. Barra minn hekk, fl-assenza ta' garanzija tal-inqas spiża fl-interess ġenerali tal-imsemmija komunità awtonoma, ir-raba' kriterju tal-imsemmija sentenza (iktar 'il quddiem ir-"raba' kriterju Altmark"), lanqas ma kien issodisfatt.

17 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx titqies li hija għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, minkejja l-fatt li din il-miżura kienet intiża li tilħaq għan ta' interess komuni tabilħaqq speċifiku u li kien hemm nuqqasijiet fis-suq

ikkonċernat. Skont il-Kummissjoni, ladarba l-imsemmija miżura ma kinitx tirrispetta l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, din ma kinitx proporzjonali u ma kinitx tikkostitwixxi strument xieraq sabiex tiġi ggarantita l-kopertura tal-kanali FTA lir-residenti taż-żona II.

18 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni preċiża biżżejjed tat-tħaddim ta' pjattaforma terrestri inkwantu servizz pubbliku, il-miżura inkwistjoni ma setgħetx tkun iġġustifikata abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

## Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

19 Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali rispettivament, fit-30 ta' Awwissu 2013 (Kawżi T-462/13 u T-465/13), fis-6 ta' Settembru 2013 (Kawża T-487/13) u fid-9 ta' Ottubru 2013 (Kawża T-541/13), l-appellanti ressqu kawżi intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

20 Fost il-motivi invokati insostenn tar-rikorsi rispettivi tagħhom, l-appellanti kollha, b'mod partikolari, ressqu motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.

21 Fis-sentenzi appellati, dan il-motiv ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali għaliex infondat.

22 Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, ċaħdet l-argument tal-appellant li jgħid li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE fin-nuqqas tal-għoti ta' vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarji, sa fejn il-kundizzjonijiet tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415) kienu issodisfatti.

23 Fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fis-sentenzi appellati, li l-appellanti ma kinux urew li l-Kummissjoni kienet żbaljatament qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni ċara tas-servizz ta' tħaddim ta' netwerk terrestri bħala servizz pubbliku, dan il-kriterju ma kienx issodisfatt.

24 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-tħaddim tan-netwerk ta' xandir tat-TDT fiż-żona II ma ġiex iddeffinit mill-Istat Membru kkonċernat bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem "SIEĠ"), fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, la fil-livell nazzjonali u lanqas fil-livell tal-komunità awtonoma tal-País Vasco fil-ftehimiet interistituzzjonali konklużi magħha.

25 F'dak li jirrigwarda l-komunitajiet awtonomi minbarra dik tal-País Vasco, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet, ġustament, tikkonstata, fil-premessa 114 tad-deċiżjoni kkontestata, li ebda waħda mill-komunitajiet awtonomi, li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet Spanjoli kienu invokaw l-eżistenza ta' SIEĠ, ma kienu ppreżentaw argumenti li jistgħu juru li t-tħaddim ta' netwerk terrestri kien servizz pubbliku.

26 Min-naħa l-oħra, fil-punti 78 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 79 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u 106 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, hekk kif kienu qed isostnu l-appellant fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat, sussidjarjament, fil-premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza ta' żball manifest tal-awtoritajiet Spanjoli fid-definizzjoni ta' ċerta pjattaforma għat-tħaddim ta' netwerks ta' xandir.

27 Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm il-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li d-definizzjoni ta' ċerta pjattaforma għat-tħaddim ta' netwerks ta' xandir kienet tikkostitwixxi żball manifest tal-awtoritajiet Spanjoli, l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt fl-assenza ta' definizzjoni ċara u preċiża tas-servizz inkwistjoni bħala servizz pubbliku, hekk kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-premessi 119 sa 125 tad-deċiżjoni kkontestata.

28 Fir-rigward tar-raba' kriterju Altmark, fil-punt 88 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u fil-punt 123 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-appellanti fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' allegat żball tal-Kummissjoni, sa fejn din iddeċidiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li dan il-kriterju ma kienx issodisfatt.

29 Fil-punt 85 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u fil-punt 63 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), il-Qorti Ġenerali madankollu ddeċidiet, fl-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u, fit-tieni waħda, li hija kienet kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi llimitat l-eżami tal-osservanza tar-raba' kriterju Altmark biss għall-każ tal-komunità awtonoma tal-País Vasco, filwaqt li hija kient konxja mill-fatt li kienu nħarġu sejħiet għal offerti għall-estensjoni tal-kopertura tat-TDT f'komunitajiet awtonomi oħra. Fid-dawl tan-natura kumulattiva tal-kriterji tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), il-Qorti Ġenerali madankollu ddeċidiet li, sa fejn l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt, ma kienx hemm lok li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata.

30 Peress li ebda motiv ieħor tal-appellanti ma ġie, barra minn hekk, milqugħ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi għal annullament kollha tal-appellant.

**It-talbiet tal-partijiet**

31 Permezz tal-appelli tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenzi appellati;

– tiddeċiedi definittivament ir-rikorsi għal annullament tagħhom u tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

32 Il-Kummissjoni u SES Astra jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appelli u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

33 Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2017, il-Kawżi C-66/16 P sa C-69/16 P ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq l-appelli**

34 Insostenn tal-appelli tagħhom, l-appellanti jqajjmu aggravju uniku li huwa fformulat f'termini simili f'kull wieħed minn dawn l-appelli.

35 Dan l-aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 TFUE, tal-Artikolu 107(1) TFUE u tal-Artikolu 106(2) TFUE, kif ukoll tal-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali u tal-Protokoll Nru 29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri. L-imsemmi aggravju huwa maqsum f'sitt partijiet.

36 L-ewwel parti hija bbażata fuq ksur tal-limitu tal-istħarriġ tal-iżball manifest fl-eżami tad-diversi atti ta' definizzjoni u ta' għoti tal-missjoni ta' SIEĠ. It-tieni parti hija bbażata fuq żball ta' liġi sa fejn is-sentenzi appellati llimitaw is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri għall-modalitajiet ta' provvista ta' SIEĠ li jinsabu fid-definizzjoni ta' dan tal-aħħar. It-tielet parti hija bbażata fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali għad-definizzjoni tas-SIEĠ. Ir-raba' parti hija bbażata fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali injorat li d-definizzjoni u l-għoti tal-missjoni ta' SIEĠ lil impriża waħda jew lil diversi impriżi jistgħu jitwettqu permezz ta' diversi atti. Il-ħames parti hija bbażata fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx li

d-definizzjoni u l-għoti tal-missjoni ta' SIEĠ ma kinux jeżiġu l-użu ta' formola jew ta' espressjoni speċifika. Is-sitt parti hija bbażata fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma aċċettatx l-applikabbiltà tal-Protokoll Nru 29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri.

***Osservazzjonijiet preliminari***

*Fuq l-ammissibbiltà tal-appelli*

37 SES Astra ssostni li l-appelli fit-totalità tagħhom huma inammissibbli, sa fejn, permezz tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti, skont il-każ, sempliċement jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tistħarreġ l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, mingħajr qatt ma jinvokaw li dawn ġew żnaturati, u mingħajr ma jidentifikaw il-partijiet tas-sentenzi appellati li huma kkontestati.

38 Bla ħsara għall-eżami individwali tal-ammissibbiltà tal-partijiet tal-aggravju uniku ta' dawn l-appelli, għandu jitqies li dawn l-appelli ma jistgħux jitqiesu inammissibbli fit-totalità tagħhom.

39 Fil-fatt, minn tal-inqas ċerti partijiet tal-aggravju uniku tal-imsemmija appelli, minn naħa, iqajjmu kwistjonijiet ta' liġi sa fejn dawn jikkontestaw l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tal-ewwel kriterju Altmark, kif ukoll il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq minn din tal-aħħar fir-rigward ta' dan il-kriterju u, min-naħa l-oħra, jidentifikaw bil-preċiżjoni meħtieġa l-elementi kkritikati tas-sentenzi appellati.

40 Konsegwentement, hemm lok li l-argumenti magħmula minn SES Astra biex issostni li l-appelli huma inammissibbli fit-totalità tagħhom jiġu miċħuda.

*Fuq in-natura ineffettiva tal-aggravju uniku tal-appell fil-Kawżi C-66/16 P u C-68/16 P*

41 Il-Kummissjoni ssostni li l-aggravju uniku tal-appelli fil-Kawżi C-66/16 P u C-68/16 P huwa ineffettiv, sa fejn dan jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. SES Astra tqis, min-naħa tagħha, li dan l-aggravju huwa wkoll ineffettiv, sa fejn dan jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE.

42 Dawn il-partijiet isostnu, essenzjalment, li l-imsemmi aggravju ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u lanqas tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), sa fejn l-istess aggravju jirrigwarda biss l-ewwel kriterju Altmark. Issa, fid-dawl tan-natura kumulattiva tal-kriterji tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), jekk il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tilqa' l-aggravju uniku, xorta jibqa l-fatt li l-Qorti Ġenerali kkonvalidat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' osservanza tar-raba' kriterju Altmark.

43 L-appellanti fil-Kawżi C-66/16 P u l-appellanti fil-Kawża C-68/16 P huma tal-fehma li, anki fil-każ fejn ir-raba' kriterju Altmark ma jkunx issodisfatt, l-aggravju uniku jista' jwassal għall-annullament tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), sa fejn il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq allegata assenza ta' definizzjoni ċara tas-SIEĠ sabiex tikkonferma l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-assenza ta' kompatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-Artikolu 106(2) TFUE.

*– Fir-rigward tal-aggravju uniku sa fejn huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE*

44 Għandu jitfakkar li l-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 107(1) TFUE jkunu issodisfatti. Għalhekk, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, din id-dispożizzjoni tippreżupponi b'mod partikolari l-eżistenza ta' vantaġġ mogħti lil impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering, C-185/14, EU:C:2015:716, punti 35 u 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jaqax taħt l-Artikolu 107(1) TFUE intervent mill-Istat li huwa meqjus li jikkostitwixxi kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku, b'tali mod li dawn l-impriżi ma jgawdux, fil-fatt, minn vantaġġ finanzjarju u li l-imsemmi intervent ma għandux għaldaqstant l-effett li jqiegħed lil dawn l-impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli meta mqabbla mal-impriżi kompetituri (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering, C-185/14, EU:C:2015:716, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 Madankollu, f'każ konkret, sabiex tali kumpens ma jiġix ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, il-kriterji previsti fil-punti 88 sa 93 tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), għandhom ikunu issodisfatti.

47 Għalhekk, l-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar. It-tieni nett, il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat il-kumpens iridu jkunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti. It-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku. Ir-raba' nett, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija sabiex tkun tista' tissodisfa l-bżonnijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi

48 Minn dan jirriżulta li intervent minn Stat li ma jkunx jissodisfa kriterju jew diversi mill-kriterji elenkati fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza jista' jitqies li huwa għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 94).

49 Għaldaqstant, fid-dawl tan-natura kumulattiva tal-kriterji tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), il-fatt li l-Qorti Ġenerali tkun wettqet żball ta' liġi meta qieset li wieħed minn dawn il-kriterji ma huwiex issodisfatt ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u lanqas tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), jekk, barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li wieħed minn dawn il-kriterji l-oħra ma huwiex issodisfatt.

50 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, fil-punti 89 u 90 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel parti tal-ewwel motiv għal annullament, ibbażat fuq l-assenza ta' vantaġġ ekonomiku, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li, fl-ebda mument ma kienu issodisfatti kumulattivament il-kriterji kollha tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415). F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq analiżi tal-ewwel u tar-raba' kriterji Altmark, u wara din l-analiżi hija kkonfermat, rispettivament fil-punti 79 u 88 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li dawn il-kriterji ma kinux issodisfatti.

51 B'mod analogu, fis-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), il-Qorti Ġenerali evalwat l-ewwel u r-raba' kriterju Altmark fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni motiv għal annullament imqajjem mill-appellanti fil-kuntest tal-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE. Wara li ma aċċettatx l-argumenti tal-imsemmija appellanti dwar il-fatt li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kienu issodisfatti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 126 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), li, peress li r-rekwiżiti

tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), kienu kumulattivi, il-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat, l-ewwel nett, l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u, it-tieni nett, li din l-għajnuna ma kinitx kompatibbli mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

52 Issa, sa fejn l-aggravju uniku huwa intiż li jikkontesta biss l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju Altmark mingħajr, barra minn hekk, ma jikkritika din l-evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda r-raba' kriterju Altmark, għandu jiġi kkonstatat li dan l-aggravju, fih innifsu, la jista' jirrendi invalida s-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u lanqas is-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u, għaldaqstant, li jwassal għall-annullament ta' dawn is-sentenzi.

53 Konsegwentement, l-aggravju uniku tal-appelli fil-Kawżi C-66/16 P u C-68/16 P għandu jitqies ineffettiv sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.

*– Fir-rigward tal-aggravju uniku sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE*

54 L-Artikolu 106(2) TFUE jipprevedi li l-impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali huma suġġetti għar-regoli tat-Trattati u, b'mod partikolari, għar-regoli tal-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tfixkilx it-twettiq *de jure* jew *de facto* tal-missjoni partikolari li ngħatat lilhom u li l-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux isir b'mod kuntrarju għall-interess tal-Unjoni.

55 Fir-rigward tal-artikolazzjoni bejn ir-rekwiżiti imposti mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), u l-eżami ta' miżura ta' għajnuna abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-istħarriġ tal-osservanza tal-kriterji stabbiliti fl-imsemmija ġurisprudenza jsir fi stadju preċedenti, waqt l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk il-miżura inkwistjoni għandhiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, din il-kwistjoni tiġi qabel dik tal-verifika, fejn applikabbli, ta' jekk għajnuna inkompatibbli hijiex madankollu neċessarja għat-twettiq tal-missjoni imposta fuq il-benefiċjarju tal-miżura inkwistjoni, abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, C-660/15 P, EU:C:2017:178, punt 34).

56 Il-kriterji tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), u dawk neċessarji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE għalhekk għandhom, bħala prinċipju, għanijiet differenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sabiex twettaq l-eżami ta' miżura ta' għajnuna abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li teżamina t-tieni u t-tielet kriterji imposti mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, C-660/15 P, EU:C:2017:178, punt 33). Xorta jibqa l-fatt li, hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenreali fil-punt 97 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-ewwel kriterju Altmark, li jgħid li l-impriża benefiċjarja għandha effettivament tkun inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku li għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar, japplika wkoll fil-każ fejn tkun ġiet invokata d-deroga prevista fl-Artikolu 106(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 1974, BRT u Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs, 127/73, EU:C:1974:25, punt 22, kif ukoll tal-11 ta' April 1989, Saeed Flugreisen u Silver Line Reisebüro, 66/86, EU:C:1989:140, punt 56).

57 F'dan il-każ, mill-punt 99 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għall-punti 42 sa 79 ta' din is-sentenza, dwar l-ewwel kriterju Altmark, sabiex tikkonstata li l-Kummissjoni setgħet ġustament tqis li, fir-rigward tal-komunità awtonoma tal-País Vasco, l-operaturi tan-netwerks terrestri ma kinux inkarigati mill-eżekuzzjoni ta' SIEĠ iddefinit b'mod ċar. Il-Qorti

Ġenerali għalhekk iddeċidiet li din l-istituzzjoni ma kinitx wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-premessa 172 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 106(2) TFUE ma setgħetx tiġi invokata.

58 B'mod analogu, fil-punt 126 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), mill-assenza ta' definizzjoni valida ta' SIEĠ il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta qieset li l-miżura inkwistjoni ma kinitx kompatibbli mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

59 Minn dan jirriżulta li, fis-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u fis-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), il-Qorti Ġenerali bbażat l-evalwazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE fuq l-ewwel kriterju Altmark.

60 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-aggravju uniku tal-appelli fil-Kawżi C-66/16 P u C-68/16 P, sa fejn dan jirrigwarda l-ewwel kriterju Altmark, jista' jwassal għall-annullament tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) u tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899), sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE.

61 F'dawn il-kundizzjonijiet, minkejja n-natura ineffettiva tal-aggravju uniku tal-appelli fil-Kawżi C-66/16 P u C-68/16 P, sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, id-diversi partijiet ta' dan l-aggravju għandhom jiġu eżaminati sa fejn dawn jirrigwardaw il-kwistjoni tad-definizzjoni ta' SIEĠ, fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE.

***Fuq l-aggravju uniku***

*Fuq l-ewwel parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

62 Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li l-Kummissjoni tista' tikkontesta d-definizzjoni tas-SIEĠ minn Stat Membru biss f'każ ta' żball manifest.

63 L-appellanti jsostnu li, sabiex tivvalida l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju Altmark, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha biss, fil-punti 79 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 80 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 101 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) u 110 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), fuq il-konstatazzjoni li d-definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni mill-awtoritajiet Spanjoli ma kinitx suffiċjentement "ċara u preċiża", mingħajr, barra minn hekk, ma ddeċidiet li tali definizzjoni kienet "manifestament żbaljata". Bil-kontra ta' dan, il-Qorti Ġenerali nnifisha tammetti li hemm nuqqasijiet fis-suq inkwistjoni u li s-servizz inkwistjoni jirrigwarda attività li tista' tiġi kklassifikata bħala SIEĠ.

64 Billi għamlet dan, il-Qorti Ġenerali marret manifestament lil hinn mil-limitu tal-istħarriġ tal-iżball manifest previst fl-Artikolu 14 TFUE, fl-Artikolu 106(2) TFUE, fl-Artikolu 107(1) TFUE u fil-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali.

65 Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel parti tal-aggravju hija ineffettiva jew, fi kwalunkwe każ, infondata.

66 SES Astra hija tal-fehma li l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

67 Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt fl-assenza ta' definizzjoni ċara u preċiża tas-servizz inkwistjoni bħala SIEĠ, mingħajr ma vverifikat jekk id-definizzjoni ta' dan is-SIEĠ kinitx manifestament żbaljata. Billi għamlet dan, il-Qorti Ġenerali injorat is-setgħa diskrezzjonali li l-Istati Membri għandhom fir-rigward tad-determinazzjoni tas-SIEĠ, li tista' tiġi limitata biss fil-każ ta' żball manifest.

68 Fl-ewwel lok, sa fejn din il-parti hija intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx l-istħarriġ ġudizzjarju xieraq fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju Altmark, għandu jiġi osservat li l-appellanti jqajjmu punt ta' liġi li jista' jiġi eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. L-argument ta' SES Astra bbażat fuq l-allegata inammissibbiltà tal-imsemmija parti għandu, għalhekk, jiġi miċħud.

69 Fit-tieni lok, fuq il-mertu, għandu jitfakkar l-Istati Membri huma intitolati, filwaqt li josservaw id-dritt tal-Unjoni, li jiddefinixxu l-portata u l-organizzazzjoni tas-SIEĠ tagħhom, b'mod partikolari billi jieħdu inkunsiderazzjoni għanijiet speċifiċi għall-politika nazzjonali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL, C-242/10, EU:C:2011:861, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 F'dan ir-rigward l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 88), li tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss fil-każ ta' żball manifest (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-446/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:97, punt 44).

71 Madankollu, kif ġustament iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, fil-punti 51 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 51 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 98 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 80 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), is-setgħa li l-Istati Membri għandhom f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-SIEĠ ma tistax tkun mingħajr limiti.

72 Mill-punt 89 tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), jirriżulta li, f'dan ir-rigward, l-ewwel kriterju Altmark huwa essenzjalment intiż sabiex jiġi ddeterminat jekk, l-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja kinitx ġiet effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u, it-tieni nett, jekk dawn l-obbligi humiex iddefiniti b'mod ċar fid-dritt nazzjonali.

73 Kif ġie essenzjalment enfasizzat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 112 u 114 sa 117 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-imsemmi kriterju għandu għan ta' trasparenza u ta' ċertezza legali li jeżiġi li jkunu issodisfatti kriterji minimi li jirrigwardaw l-eżistenza ta' att jew ta' diversi atti ta' awtorità pubblika li jiddefinixxu b'mod suffiċjentement preċiż minn tal-inqas in-natura, it-tul u l-portata tal-obbligi ta' servizz pubbliku li għandhom jitwettqu mill-impriżi inkarigati mit-twettiq ta' dawn l-obbligi. Fil-fatt, fl-assenza ta' definizzjoni ċara ta' tali kriterji oġġettivi, ma jkunx possibbli li jiġi mistħarreġ jekk attività partikolari tistax taqa' taħt il-kunċett ta' SIEĠ.

74 Minn dan isegwi li, bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma interpretatx ħażin il-portata tal-istħarriġ li hija kellha twettaq f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' servizz minn Stat Membru bħala SIEĠ, sa fejn hija ddeċidiet li, fl-assenza ta' definizzjoni ċara tas-servizz inkwistjoni bħala SIEĠ fid-dritt nazzjonali, l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt.

75 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata mill-argument tal-appellant li jgħid li huwa paċifiku li hemm nuqqasijiet fis-suq inkwistjoni u li s-servizz inkwistjoni huwa attività li tista' tiġi kklassifikata bħala SIEĠ. Fil-fatt, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 122 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali ċirkustanzi ma humiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-impriżi kkonċernati ġewx effettivament inkarigati mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku permezz ta' att pubbliku u jekk dawn l-obbligi humiex identifikati b'mod ċar f'dan l-att.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda għaliex infondata.

*Fuq it-tieni parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

77 Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-definizzjoni ta' servizz bħala SIEĠ għandha neċessarjament tinkludi t-teknoloġija li permezz tagħha ser jiġi pprovdut dan is-servizz sabiex din it-teknoloġija tkun tista' titqies bħala koperta minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa mogħtija lill-Istati Membri.

78 Skont l-appellanti, l-Istati Membri għandhom tali setgħa diskrezzjonali mhux biss biex "jiddefinixxu" is-SIEĠ, iżda wkoll biex "jipprovdu, jikkummisjonaw u jorganizzaw" dan is-SEIĠ, u dan neċessarjament jinkludi l-possibbiltà li tintgħażel teknoloġija speċifika għall-provvista tiegħu. Din is-setgħa tirriżulta mill-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali u mill-Protokoll Nru 29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri, kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

79 Barra minn hekk, l-appellanti fil-Kawżi C-66/16 P, C-67/16 P u C-69/16 P jsostnu li s-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), is-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u s-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898) huma vvizzjati b'nuqqas ta' koerenza, sa fejn fihom il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, iddeċidiet li, meta ddefinixxew is-servizz ta' tħaddim tan-netwerk tat-TDT bħala SIEĠ, l-awtoritajiet Spanjoli ma kellhomx jiddiskriminaw kontra l-pjattaformi l-oħra.

80 Il-Kummissjoni u SES Astra jqisu li t-tieni parti tal-aggravju uniku hija ineffettiva.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

81 Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw is-sentenzi appellati sa fejn fihom il-Qorti Ġenerali llimitat is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri biss għad-definizzjoni tas-SIEĠ, u b'dan il-mod injorat l-eżistenza ta' tali setgħa f'dak li jirrigwarda l-għażla tal-modalitajiet konkreti għall-provvista ta' dawn is-SIEĠ.

82 Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tas-sentenzi appellati.

83 Fl-ewwel lok, l-appellanti nnifishom jammettu li, fil-punti 50 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 50 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 97 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 79 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet espliċitament, billi għamlet riferiment għall-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru°26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex jipprovdu, jikkummisjonaw u jorganizzaw is-SIEĠ b'mod li jissodisfa kemm jista' jkun il-bżonnijiet tal-utenti.

84 Fit-tieni lok, bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti, mis-sentenzi appellati bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' servizz bħala SIEĠ għandha neċessarjament tinkludi t-teknoloġija li permezz tagħha ser jiġi pprovdut dan is-servizz.

85 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tevalwa jekk l-ewwel kriterju Altmark kienx issodisfatt, f'dan il-każ, f'dak li jirrigwarda s-servizz ta' tħaddim tan-netwerk tat-TDT. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk dan is-servizz kienx jissodisfa r-rekwiżit ta' definizzjoni ċara tas-SIEĠ fis-sens ta' dan il-kriterju billi fittxet b'mod partikolari

l-eżistenza tal-kriterji minimi msemmija fil-punt 73 ta' din is-sentenza. Billi għamlet dan, hija ma ddeċidietx fuq il-mod li bih is-servizz inkwistjoni kellu jiġi ddefinit b'mod konkret fid-dritt nazzjonali sabiex ikun jista' jissodisfa l-ewwel kriterju Altmark.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-Kawżi C-66/16 P, C-67/16 P u C-69/16 P, l-appellanti lanqas ma jistgħu jibbażaw ruħhom fuq l-eżistenza ta' allegat nuqqas ta' koerenza li tivvizzja s-sentenzi T-462/13 (EU:T:2015:902), T-465/13 (EU:T:2015:900), T-541/13 (EU:T:2015:898).

87 Konsegwentement, it-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tiġi ddikjarata infondata.

*Fuq it-tielet parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

88 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli żnaturat il-kliem tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u l-ġurisprudenza li tirrigwardaha, u li wettqet, konsegwentement, konstatazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-kontenut tagħhom, kif ukoll talli attribwiet lil ċerti elementi portata li ma kinitx xierqa għalihom.

89 Fl-ewwel lok, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żnaturat manifestament il-kliem tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li għalihom hija rreferiet, barra minn hekk, b'mod selettiv. B'mod partikolari, il-Ley 32/2003, General de Telecomunicaciones (Liġi Ġenerali 32/2003 dwar it-telekomunikazzjonijiet), tat-3 ta' Novembru 2003 (BOE Nru 264, tal-4 ta' Novembru 2003, p. 38890, iktar 'il quddiem il-"Liġi 32/2003") tikklassifika espliċitament it-tħaddim tan-netwerks tar-radju u tat-televiżjoni bħala "servizz ta' interess ġenerali". F'dan ir-rigward, bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 57 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 57 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 104 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 86 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), huwa possibbli li obbligi ta' SIEĠ jingħataw lill-operaturi kollha ta' settur, b'mod partikolari sabiex tiġi ggarantita l-universalità ta' dan is-servizz. Dan huwa effettivament l-iskop li l-leġiżlazzjoni Spanjola fil-qasam tax-xandir tipprova tilħaq billi timponi obbligi ta' kopertura minima applikabbli għas-settur kollu kkonċernat. Barra minn hekk, id-diversi atti leġiżlattivi adottati mill-awtoritajiet Spanjoli jagħmlu espliċitament riferiment għat-teknoloġija terrestri, bil-kontra tal-interpretazzjoni ta' dawn l-atti mogħtija mill-Qorti Ġenerali.

90 Fit-tieni lok, l-appellanti jsostnu li s-sentenzi appellati fihom dikjarazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-elementi suġġetti għall-eżami tal-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar ikkonstatat b'mod żbaljat li l-appellanti, fl-ebda mument ma kienu f'pożizzjoni li jiddeterminaw liema obbligi ta' servizz pubbliku kienu ġew fdati f'idejn l-operaturi tan-netwerks tat-TDT, jew mil-liġi Spanjola, jew mill-ftehimiet ta' tħaddim, u ħafna inqas li jipproduċu l-prova ta' dan (punti 72 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 73 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 115 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) u 103 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898)). L-appellanti jagħmlu riferiment, f'dan ir-rigward, għall-ftehimiet li l-awtoritajiet Baski kkonkludew ma Itelazpi (Kawża C-66/16 P), għall-kuntratt pubbliku ffirmat bejn l-awtoritajiet Katalani u Retevisión, kif ukoll għall-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' dan il-kuntratt (Kawża C-67/16 P), għall-awtorizzazzjonijiet u għall-ftehimiet adottati mill-Gvern ta' Navarra (Kawża C-68/16 P), kif ukoll għall-kuntratt u għall-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt relatati mas-sejħa għal offerti mnedija mill-Comunidad autónoma de La Rioja (il-Komunità Awtonoma ta' Rioja, Spanja) (Kawża C-69/16 P).

91 Skont l-appellanti, dawn l-atti huma biżżejjed sabiex jiġi konkluż li jeżisti SIEĠ ddefinit b'mod korrett u mogħti b'mandat, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2005/842/KE tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Novembru 2005, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu [106(2) TFUE] rigward għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi

mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 488). L-imsemmija atti kienu ssemmew waqt il-fażi amministrattiva kif ukoll waqt il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

92 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-komunitajiet awtonomi l-oħra għajr dik tal-País Vasco, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat iddikjarat, fil-punti 62 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 113 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) u 92 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), li l-imsemmija atti ma kinux ġew prodotti matul il-fażi amministrattiva u li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li teżaminahom fil-kuntest tal-analiżi tal-osservanza tal-ewwel kriterju Altmark, sa fejn hija kienet taf bis-sejħiet għal offerti organizzati f'dawn il-komunitajiet awtonomi, kellha l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt li kienu jikkonċernawhom u kienet taf l-identità tal-offerenti magħżula. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kellha tissanzjoni lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn is-sejħiet għal offerti, hekk kif hija għamlet fil-punti 85 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u 60 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), f'dak li jirrigwarda r-raba' kriterju Altmark.

93 L-appellanti jsostnu wkoll li l-konstatazzjoni li tinsab fil-punti 58 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 58 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 105 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 87 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), li tgħid li l-istess atti ma setgħux validament iservu sabiex it-tħaddim tan-netwerk tat-TDT jiġi kklassifikat bħala SIEĠ, minħabba l-fatt li l-Liġi 32/2003 timponi l-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, tikkostitwixxi żnaturament tal-kontenut ta' din il-liġi, peress li din tistabbilixxi dan il-prinċipju sempliċement bħala prinċipju gwida u mhux bħala regola li tillimità s-setgħat tal-awtoritajiet pubbliċi.

94 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali waslet għal konklużjoni żbaljata fir-rigward tal-eżistenza ta' SIEĠ billi llimitat ruħha li tanalizza l-Liġi 32/2003, filwaqt li jeżistu punti oħra tad-dritt nazzjonali li jippreċiżaw din il-liġi u li ġew diskussi quddiemha. Il-Qorti Ġenerali kellha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-qorti suprema, Spanja) dwar il-miżura inkwistjoni u dwar il-leġiżlazzjoni Spanjola rilevanti. Fir-rigward tal-Ley 31/1987 de Ordenación de las Telecomunicaciones (Liġi 31/1987 dwar l-organizzazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet) tat-18 ta' Diċembru 1987 (BOE n 303, tad-19 ta' Diċembru 1987, p. 37409), li tikklassifika speċifikament it-teknoloġija terrestri bħala servizz pubbliku, din ġiet żbaljatament imwarrba mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 71 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 72 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u 102 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), minħabba li din ma kinitx ġiet prodotta quddiemha.

95 Il-Kummissjoni u SES Astra jqisu li t-tielet parti tal-aggravju uniku hija manifestament inammissibbli.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

96 Permezz tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li, fl-opinjoni tagħhom, jiddefinixxu b'mod ċar is-servizz inkwistjoni bħala SIEĠ.

97 Għandu qabel kollox jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss teżerċita, abbażi tal-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni legali tagħhom u l-konsegwenzi legali li rriżultaw minnha. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-fatti, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 Għalhekk, fir-rigward tal-eżami, fil-kuntest ta' appell, tal-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fid-dawl tad-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tivverifika jekk kienx hemm żnaturament ta' dan id-dritt (sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 F'dan ir-rigward, żnaturament għandu jidher b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (ara, b'mod partikolari, id-digriet tad-9 ta' Marzu 2017, Simet vs Il-Kummissjoni, C-232/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:200, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-evalwazzjoni tal-Liġi 32/2003, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punti 57 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 57 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 104 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 86 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), li l-klassifikazzjoni tas-servizz ta' interess ġenerali li tinsab f'din il-liġi kienet tikkonċerna s-servizzi kollha ta' telekomunikazzjonijiet, inklużi n-netwerks ta' xandir bir-radju u bit-televiżjoni. Hija ddeċidiet li s-sempliċi fatt li servizz huwa indikat bħala li huwa ta' interess ġenerali fid-dritt nazzjonali ma jimplikax li kull operatur li jwettqu huwa inkarigat mill-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415). Barra minn hekk, hija kkonstatat, barra minn hekk, minn naħa, li mil-Liġi 32/2003 ma kienx jirriżulta li s-servizzi kollha ta' telekomunikazzjonijiet fi Spanja kellhom in-natura ta' SIEĠ fis-sens ta' din is-sentenza u, min-naħa l-oħra, li din il-liġi kienet espliċitament tipprevedi li s-servizzi ta' interess ġenerali fis-sens tal-imsemmija liġi kellhom jiġu pprovduti fil-kuntest ta' sistema ta' kompetizzjoni libera.

101 Għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-appellanti ma pproduċew ebda element li juri b'mod manifest li b'dan il-mod il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut tal-Liġi 32/2003.

102 Min-naħa l-oħra, sa fejn l-appellanti jikkritikaw il-konklużjoni li l-Qorti Ġenerali siltet min-natura ġenerali ta' din il-liġi, jiġifieri li din ma kinitx tippermetti li jiġi konkluż li l-operaturi li jħaddmu netwerk terrestri kienu ġew maħtura jwettqu obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar, konformament mal-ewwel kriterju Altmark, għandu jiġi osservat li, fid-dawl tal-elementi ekwivokabbli tal-imsemmija liġi msemmija fil-punt 100 ta' din is-sentenza, din il-konklużjoni ma hija vvizzjata minn ebda żball ta' liġi.

103 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-argument tal-appellant ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali għamlet konstatazzjonijiet li jmorru manifestament kontra atti leġiżlattivi adottati mill-awtoritajiet Spanjoli li jgħamlu riferiment espliċitu għat-teknoloġija terrestri, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-każ tal-País Vasco u, min-naħa l-oħra, il-każ tal-komunitajiet awtonomi l-oħra.

104 Fir-rigward, qabel kollox, tal-País Vasco, l-appellanti jsostnu li l-ftehimiet konklużi f'din il-komunità awtonoma jispeċifikaw, suffiċjentement skont il-liġi, l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq il-benefiċjarja, Itelazpi, billi jiddefinixxu b'mod partikolari n-natura u t-tul tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-impriża kkonċernata, it-territorju kkonċernat, in-natura tad-drittijiet esklużivi u n-natura universali tal-missjoni.

105 F'dan ir-rigward, mill-punti 62 u 63 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902) jirriżulta li l-Qorti Ġenerali evalwat dawn il-ftehimiet. Hija madankollu ddeċidiet, fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti tal-kawża, li ebda dispożizzjoni tal-imsemmija ftehimiet ma kienet tindika li t-tħaddim tan-netwerk terrestri huwa meqjus bħala servizz pubbliku.

106 F'dan ir-rigward, mill-evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tal-ftehimiet inkwistjoni ma jirriżulta l-ebda żnaturament tal-kontenut tagħhom. B'mod partikolari, l-argumenti żviluppati insostenn ta' din il-parti ma juru ebda ineżattezza materjali manifesta fl-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tal-imsemmija ftehimiet.

107 Barra minn dan, f'dak li jirrigwarda l-komunitajiet awtonomi l-oħra għajr il-País Vasco, l-appellanti fil-Kawżi C-67/16 P, C-68/16 P u C-69/16 P isostnu li, fis-sentenzi T-465/13 (EU:T:2015:900), T-487/13 (EU:T:2015:899) u T-541/13 (EU:T:2015:898), il-Qorti Ġenerali injorat l-eżistenza tal-atti uffiċjali msemmija fil-punt 90 ta' din is-sentenza, li jiddefinixxu s-servizz inkwistjoni bħala SIEĠ.

108 Dawn l-argumenti huma ineffettivi. Fil-fatt, mill-punti 62 u 63 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 113 u 114 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 92 u 93 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898) jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tiċħad l-argumenti tal-appellant fir-rigward ta' dawn l-atti minħabba li dawn ma kinux ġew prodotti mill-awtoritajiet Spanjoli matul il-fażi amministrattiva bħala eżempji ta' atti ta' għoti ta' missjoni ta' servizz pubbliku, iżda eżaminat, sussidjarjament, il-kontenut tal-elementi invokati mill-appellanti u ddeċidiet li ebda element li jinsab f'dawn id-dokumenti ma kien jippermetti li jiġi konkluż li s-servizz inkwistjoni kien jikkostitwixxi SIEĠ fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415). Issa, l-appellanti la kkontestaw l-evalwazzjoni ġuridika magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dawn il-punti u lanqas, *a fortiori*, ma pproduċew elementi li juru li, billi wettqet din l-evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut ta' dawn l-elementi.

109 It-tielet nett, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-Qorti Ġenerali injorat ċerti elementi tad-dritt nazzjonali, prodotti bħala provi matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, b'tali mod li hija interpretat ħażin il-portata tal-Liġi 32/2003, għandu jiġi miċħud.

110 Fil-fatt, għandu jitfakkar li hija l-Qorti Ġenerali biss li tista' tevalwa l-provi prodotti quddiemha. Issa, il-Qorti Ġenerali ma tistax, bla ħsara għall-obbligu li jiġu osservati l-prinċipji ġenerali u r-regoli tal-proċedura fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova u li ma jiġux żnaturati l-provi, tkun obbligata timmotiva b'mod espliċitu l-evalwazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-valur ta' kull prova ppreżentata quddiemha, b'mod partikolari meta hija tqis li dawn huma bla interess jew neqsin minn rilevanza għas-soluzzjoni tat-tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2000, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-237/98 P, EU:C:2000:321, punti 50 u 51).

111 F'dan ir-rigward, minn naħa, l-appellanti ma jgħamlu l-ebda kritika fir-rigward tal-allegat ksur, mill-Qorti Ġenerali tar-regoli tal-proċedura fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova. Min-naħa l-oħra, mill-elementi prodotti mill-appellanti ma jirriżultax b'mod manifest li l-atti inkwistjoni kienu rilevanti fl-evalwazzjoni tas-servizz ta' tħaddim tan-netwerks terrestri bħala SIEĠ.

112 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-argument tal-appellant, ibbażat fuq allegat ksur tal-Liġi 31/1987 huwa ineffettiv. Fil-fatt, mill-punti 71 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 72 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900) u 102 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898) jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tiċħad l-argument tal-appellant dwar din il-liġi minħabba li din ma kinitx ġiet prodotta quddiemha, iżda ddeċidiet, sussidjarjament, fuq ir-rilevanza tal-imsemmija liġi. Hija qieset, f'dan ir-rigward, li l-fatt li, skont l-istess liġi, is-servizzi ta' xandir bil-ħoss u bit-televiżjoni permezz ta' ondi terrestri huma servizzi pubbliċi ma kienx jippermetti, f'kull każ, li jiġi deċiż li l-Liġi 31/1987 kienet ukoll tiddefinixxi s-servizz inkwistjoni bħala servizz pubbliku. Issa, l-appellanti ma jinvokaw ebda żnaturament imwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-kontenut tal-Liġi 31/1987 fil-kuntest ta' dawn l-appelli.

113 Konsegwentement, it-tielet parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda għaliex parzjalment inammissibbli, parzjalment infondata u parzjalment ineffettiva.

*Fuq ir-raba' parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

114 Permezz tar-raba' parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jqisu li, billi ċaħdet, fil-punti 57 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 57 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 104 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 86 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), id-definizzjoni ta' SIEĠ prevista fil-Liġi 32/2003 minħabba li din il-liġi ma kienet tinkludi ebda mandat ta' servizz pubbliku, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

115 Il-Qorti Ġenerali b'dan il-mod ma għamlitx distinzjoni bejn atti ta' "definizzjoni" u ta' "għoti ta' mandat" tas-SIEĠ, li jistgħu, bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, jkunu żewġ atti separati skont it-tqassim tal-kompetenzi fl-Istat Membru kkonċernat.

116 Il-Kummissjoni u SES Astra jsostnu li din ir-raba' parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

117 Sa fejn, permezz tar-raba' parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli eżiġiet li l-att ta' definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni jkun ukoll l-att li jgħti l-mandat għal dan is-SIEĠ lil impriża jew lil diversi impriżi, għandu jiġi kkonstatat li din il-parti tirrigwarda l-mertu tal-interpretazzjoni tal-ewwel kriterju Altmark proposta mill-Qorti Ġenerali, interpretazzjoni li tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi. Għalhekk, l-argument tal-Kummissjoni u ta' SES Astra bbażat fuq l-inammissibbiltà ta' din il-parti għandu jiġi miċħud.

118 Fuq il-mertu, l-argument li fuqu l-appellanti jibbażaw ir-raba' parti tal-aggravju uniku jirriżulta minn interpretazzjoni manifestament żbaljata tas-sentenzi appellati. Fil-fatt, bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma eskludietx l-użu ta' atti separati, minn naħa, sabiex tingħata definizzjoni tas-SIEĠ u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġu attribwiti l-missjonijiet relatati ma dan is-SIEĠ.

119 Fil-punti 52 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 52 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 99 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 81 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), il-Qorti Ġenerali aċċettat espliċitament li r-responsabbiltà għat-tħaddim ta' SIEĠ tista' tkun fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att jew ta' atti uffiċjali, li l-forma tagħhom tista' tkun stabbilita minn kull Stat Membru, fejn dawn l-atti għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari n-natura u l-perijodu ta' validità tal-obbligi ta' servizz pubbliku kif ukoll l-impriżi u t-territorju involuti.

120 Hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 100 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali, sussegwentement, ddeċidiet, għall-ewwel, li s-sempliċi fatt li l-Liġi 32/2003 tindika servizz bħala wieħed ta' interess ġenerali ma jimplikax li kull operatur li jipprovdi dan is-servizz huwa inkarigat mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar, fis-sens tal-ewwel kriterju Altmark.

121 Wara dan, hekk kif ġie osservat fil-punti 103 sa 108 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat kinux jeżistu atti oħra minbarra l-Liġi 32/2003 li permezz tagħha l-operaturi kkonċernati mill-miżura inkwistjoni kienu ġew effettivament mogħtija obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar. Madankollu hija kkonkludiet li l-awtoritajiet Spanjoli ma kinux urew li dan kien il-każ f'dak li jirrigwarda s-servizz inkwistjoni.

122 Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda għaliex infondata.

*Fuq il-ħames parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

123 Permezz tal-ħames parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali tali b'mod żbaljat ċaħdet l-argumenti tagħhom, ibbażati fuq il-fatt li l-ewwel kriterju Altmark kien issodisfatt, essenzjalment għar-raġuni li l-atti ta' definizzjoni u ta' għoti tas-SIEĠ inkwistjoni ma kinux formalment jinkludu, fid-dispożizzjonijiet tagħhom, it-termini ta' "servizz pubbliku". Skont l-appellanti, fil-fatt, mill-punti 63 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 58 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 91 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) u 93 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżiġiet li d-definizzjoni fid-dritt nazzjonali tas-SIEĠ inkwistjoni tkun espliċitament issemmi t-termini "servizz pubbliku" sabiex tkun tista' tiqies li hija suffiċjentement ċara u preċiża.

124 Il-Kummissjoni, mingħajr ma tislet konklużjonijiet speċifiċi dwar it-trattament li għandu jingħata lil din il-ħames parti tal-aggravju uniku, tenfasizza li l-Qorti Ġenerali ma eżiġietx, fis-sentenzi appellati, l-użu ta' formola speċifika f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-SIEĠ, iżda vverifikat jekk, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-provvista ta' servizz ta' netwerk kienx iddefinit bħala SIEĠ.

125 SES Astra tqis li l-ħames parti tal-aggravju uniku hija manifestament inammissibbli.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

126 Permezz tal-ħames parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw lil Qorti Ġenerali talli adottat approċċ formalista meta eżiġiet li, sabiex ikunu jissodisfaw l-ewwel kriterju Altmark, id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiddefinixxu u li jattribwixxu l-missjonijiet tas-SIEĠ inkwistjoni għandhom jinkludu t-termini "servizz pubbliku".

127 Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tas-sentenzi appellati. Fil-fatt, mill-punti 63 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 58 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 91 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) u 93 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali imponiet l-eżiġenza li jintużaw it-termini "servizz pubbliku" sabiex jiġi ssodisfatt l-ewwel kriterju Altmark.

128 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħames parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda għaliex infondata.

*Fuq is-sitt parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

129 Permezz tas-sitt parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 69 u 70 tas-sentenza T-462/13 (EU:T:2015:902), 70 u 71 tas-sentenza T-465/13 (EU:T:2015:900), 110 u 111 tas-sentenza T-487/13 (EU:T:2015:899) kif ukoll 100 u 101 tas-sentenza T-541/13 (EU:T:2015:898), li l-Protokoll Nru°29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri ma kienx jirrigwarda l-finanzjament tal-operaturi ta' pjattaformi ta' trażmissjoni tas-sinjali inkwistjoni minħabba li dan il-protokoll jagħmel riferiment biss għax-xandara pubbliċi.

130 Il-Kummissjoni tqis li din il-parti hija ineffettiva u, f'kull każ, infondata.

131 SES Astra ssostni li s-sitt parti tal-aggravju uniku hija manifestament inammissibbli u, f'kull każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

132 Permezz tas-sitt parti tal-aggravju uniku tagħhom, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji ta' liġi meta ddeċidiet li l-Protokoll Nru°29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri ma huwiex applikabbli f'dan il-każ.

133 Din il-parti għandha tiġi miċħuda għaliex ineffettiva. Hekk kif issostni l-Kummissjoni, l-appellanti ma jindikawx b'liema mod l-applikazzjoni tal-Protokoll Nru°29 dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri tippermetti li jiġi deċiż li l-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni kienu ġew effettivament inkarigati mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u li dawn l-obbligi kienu ġew iddefiniti b'mod ċar fid-dritt nazzjonali.

134 Peress li l-ebda waħda mis-sitt partijiet tal-aggravju uniku li l-appellanti ressqu insostenn tal-appelli tagħhom ma ġiet milqugħa, hemm lok li dawn jiġu miċħuda fit-totalità tagħhom.

**Fuq l-ispejjeż**

135 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

136 Peress li l-appellanti tilfu fir-rigward tal-aggravju uniku tagħhom, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni u minn SES Astra.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appelli huma miċħuda.**

2) **Il-Comunidad Autónoma del País Vasco, Itelazpi SA, il-Comunidad Autónoma de Cataluña, iċ-Centre de Telecomunicacions i Tecnologies de la Informació de la Generalitat de Catalunya (CTTI), Navarra de Servicios y Tecnologías SA, Cellnex Telecom SA u Retevisión I SA huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem